

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-3 ta' Diċembru 2012 — BT vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-45/12) <sup>(1)</sup>*(Servizz pubbliku — Membru tal-persunal bil-kuntratt — Nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt — Rikors immotivat insuffiċjentement — Rikors manifestament inammissibbli)*

(2013/C 46/63)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: BT (Bukarest, ir-Rumanija) (rappreżentant: N. Visan, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u D. Martin, aġenti)

**Suġġett**

Servizz pubbliku — Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma ġġeddidx il-kuntratt tar-rikorrent bħala membru tal-persunal bil-kuntratt.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- (2) BT għandha tbatl l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata għall-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 200, 07.07.2012, p. 21.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tas-16 ta' Novembru 2012 — Ciora vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-50/12)

*(Servizz Pubbliku — Avviż ta' kompetizzjoni EPSO/AD/198/10 — Nuqqas ta' ammissjoni għall-kompetizzjoni — Rikors — Nuqqas ta' osservanza tal-proċedura prekontenzjuża — Inammissibbiltà manifesta)*

(2013/C 46/64)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

**Partijiet**

Rikorrent: Cătălin Ion Ciora (Bukarest, ir-Rumanija) (rappreżentant: M. Bondoc, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

Servizz Pubbliku — Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni EPSO/AD/198/10 Kapijiet ta' Diviżjoni ta' ċittadinanza Rumena (AD9) li ma jaċċettax il-kandidatura tar-rikorrent.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- (2) C. Ciora għandu jbatl l-ispejjeż tiegħu

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-5 ta' Diċembru 2012 — Scheidemann vs Il-Parlament**

(Kawża F-109/12)

*(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Trasferiment interistituzzjonali waqt il-proċedura ta' promozzjoni li matulha l-uffiċjal kien jista' jiġi promoss fl-istituzzjoni ta' oriġini tiegħu — Talba li jibbenefika minn promozzjoni retroattiva — Deċiżjoni espliċita ta' każha li seħħet wara d-deċiżjoni impliċita — Terminu għall-ilment — Tardività — Inammissibbiltà manifesta)*

(2013/C 46/65)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Sabine Scheidemann (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Rodrigues u A. Blot, avukati)

Konvenuta: Il-Parlament Ewropew

**Suġġett**

Uffiċjal pubbliku — Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament li tiċħad it-talba tar-rikorrenti li tiġi promossa retroattivament mill-1 Jannar 2010.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli
- (2) S. Scheidemann għandha tbatl l-ispejjeż tagħha.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-12 ta' Diċembru 2012 — AD vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-117/12)

*(Servizz pubbliku — Tardività — Inammissibbiltà manifesta)*

(2013/C 46/66)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: AD (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: É. Boigelot, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea